FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOĊAL ĊOUNĊIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN 1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

5 ta' Frar 2015

# MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA' TAS-SEBA' KUNSILL LOKALI FLORIANA - 2016

Il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' nżammet nhar il-Erbgħa 27 ta' Jannar 2016 fis-7.00pm. Għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' tas-Sitt Kunsill kien hemm preżenti s-Sindku Davina Sammut Hili, il-Viċi-Sindku Vince Borg, il-Kunsillier Matthew Paris, il-Kunsillier James Aaron Ellul u l-Kunsillier Albert Demarco flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv S. Flores.

L-attendenza kienet ta' 4 persuni

## BIDU TAL-LAQGĦA

Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi spjegat li l-iskop ta' din il-laqgħa kien li l-kunsillieri jagħtu rapport lir-residenti ta' x'ikun sar fil-lokalita' fis-sena preċedenti filwaqt li jagħti indikazzjoni ta' x'inhuma l-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena sussegwenti u kif ser jirriflettu fl-estimi annwali. Is-Sindku spjegat wkoll kif bħalma jsir dejjem ir-residenti jkunu jistgħu iressqu xi suġġerimenti jew ilmenti sabiex ikunu jistgħu jiġu inklużi fil-pjanijiet tal-Kunsill.

Is-Sindku Davina Sammut Hili stieden lill-Viċi Sindku Vince Borg, lill-Kunsillier Matthew Paris, lill-Kunsillier James Aaron Ellul u lill-Kunsillier Albert Demarco sabiex jagħtu r-rendikont tal-ħidma tagħhom matul din l-aħħar sena.

## 1.0 IL-VIĊI SINDKU VINCE BORG

Il-Viċi Sindku Vince Borg spjega li dan huwa il-bidu tas seba` leġislatura, fejn għal-ewwel darba hawn il-kunsill gie kompost b'maġġoranza ta partit politiku. Madankollu, huwa qal li jinsagħab kuntent li f'dan il-Kunsill teżisti ħafna sinerġija bejn il-kunsilliera, fejn qed isir xogħol għal ġid tal-lokalita u tar-resident, u mhux skont il-kulur politiku.

Il-Viċi Sindku Vince Borg irrimarka li fil-bidu tal-leġislatura kellu numru ta' responsabiltajiet, li inbidlu f'Diċembru, minn meta beda jokkupa il-kariga ta Viċi Sindku. Huwa semma li matul dan iż-żmien ta din il-leġislatura, saru numru ta xogħolijiet, proġetti, u attivitajiet, u ta dan irringrazzja lil-Kunsilliera li kienu involuti. Huwa qal li l-Kunsill ser ikompli jaħdem bl-istess ritmu fiż-żmien li ġej.

Il-Viċi Sindku Vince Borg qal li fil-qasam tal-Anzjani, hemm iffurmat sottokumitat, li jgħinuh jieħu ħsieb dan id-dekasteru. Isiru numru ta laqgħat kemm mal-anzjani, rappreżentanti tal Għaqda Floriana Senior Citizens, kif ukoll ma Ministri konċernati.

Fid-dekasteru ta Ġonna, u Soft Areas, Huwa qal li l-manutenzjoni hija kontinwa, bħal manutenzjoni fuq l-għamara, ġardinaġġ, u żbir ta siġar. Huwa żied jgħid ukoll li riċentement sar eżerċizzju ta manutenzjoni fil-fanali ornamentali, sabiex tittaffa l-problema li jintefa il-ġnien fix-xita. Semma ukoll kif bħalissa il-Kunsill qed jaħdem biex iġib il-fondi sabiex issir bandla għall-persuni b'diżabilità'. Huwa informa ukoll li fil-futur qarib ser ikun hemm anke rilokazzjoni ta numru ta bankijiet fil-ġonna, sabiex ikunu jistaw jintużaw iktar.

Il-Viċi Sindku Vince Borg għalaq id-diskors tiegħu billi irringrazzja lil dawk preżenti.

## 2.0 IL-KUNSILLIER MATTHEW PARIS

Il-Viċi Sindku Matthew Paris fetaħ id-diskors tiegħu u għamel parentesi qasira, fejn irrimarka li l-attendenza f'din il-laqgħa ta kull sena tkun minimalistika, kemm mir-residenti, kif ukoll mill-għaqdiet. Huwa informa li jixtieq li jkun hemm iktar parteċipazzjoni, speċjalment f'din il-laqgħa li hija l-għodda prinċipali sabiex wieħed iressaq proposti u jiddiskuti mal-Kunsill.

Il-Kunsill Matthew Paris żied mad-diskors tal-Viċi Sindku, fejn irrimarka li għal-ewwel darba, il-Kunsill ġie elett b'maġġoranza ta' partit politiku, u minkejja kollox, jinsab sodisfatt li qed jaħdmu tajjeb ħafna flimkien: sinjal ta' maturita', fejn il-Kunsilliera jaħdmu waħidhom għal-lokalita, u mhux mal-partit politiku. Huwa żied jgħid li għalkemm il-Kunsilliera ma jaqblux fuq kollox, xorta sejrin f'direzzjoni tajba, ħadd ma jipprova ifixkel lil-ħadd. Huwa qal li bħala *minority leader,* ser ikompli jaħdem hekk.

Huwa qal li eżempju ta dan hija l-kwistjoni ta taħt il-forka. Fil-leġislatura li għaddiet il-Kunsilliera ressqu l-oġġezzjonijiet, u l-istess għamel dan il-Kunsill, sabiex inħarsu l-interess tal-lokal u tar-residenti. Riċentement, il-Kunsill ħareġ stqarrija stampa fuq dan, irrelevanti mill-kulur politiku. Huwa qal li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, ser ikun qed iressaq proposta sabiex il-Floriana tingħata dak li kienet imwegħda.

Huwa irrimarka kif f'din is-sena, f'fil-bidu tal-leġislatura, is-sindku, għalkemm prerogattiva tagħha tagħat l-opportunita li kullħadd jagħżel id-dekasteru li jixtieq ikun responsabbli minnhom, u ta' dan jirringrazzja tal-opportunita li ħallietu jagħżel. Dan juri sinjal ta armonija.

Il-Kunsillier Matthew Paris Paris semma id-dekasteru ta l-attivitajiet. L-ikbar attività li inżammet f'din il-leġislatura sa issa, kienet l-attività' Ġenna ta' ġonna u ħafna aktar., li kienet suċċess. Huwa qal kif din is-sena, ingħatat xejra differenti, fejn kien hemm l-involviment tal-għaqdiet, u għalhekk kullħadd kellu ċ-ċans jipparteċipa. Huwa qal li l-attività, kibret, u magħha kiber il-baġit allokat, iżda li ġie mill-fondi allokati mill-Gvern Ċentrali, u għaldaqstant, in-nefqa ma kienetx mill-fondi tal-Kunsill. Iżda il-fondi intefqu sabiex nesponu il-lokalita' anke permezz ta filmat li ħareġ, u li ta perspettiva differenti tal-lokalita.

Huwa semma ukoll il-Forum għar-riġenerazzjoni tal-Floriana. Huwa qal li saru ħmistax il-laqgħa, bl-għajnuna tas-Sur Chris Vella. Kien hemm għadd ta nies oħra involuti, min għaqdiet, u minn entitajiet oħra. Saru rapporti fuq temi differenti, sar stock take tas-sitwazzjoni preżenti, u imbagħad sar rapport b'sintesi ta dan kollu. Sussegwentement, ġiet żviluppata mozzjoni li ingħatat lill-E.T President M.L Coleiro Preca, li kienet immirata fuq 3 tempi, azzjonijiet immedjati, azzjonijiet *sport term*, u dawk *Long term*.

Il-Kunsillier Matthew Paris għalaq id-diskors tiegħu, billi enfasizza fuq dak li ser jiġri illum. Il-Partiti eletti kellhom żewġ manifesti, li l-kontenut tagħhom huwa simili. Huwa irrimarka iżda li fil-manifest tal-Partit li huwa jirrappreżenta, kien hemm l-iżvilupp ta Day Car Centre għall-anzjani, proġett li jixtieq li ma jkunx ta kulur politiku iżda li jkun tal-Kunsill, u għaldaqstant, ser ikun qed jaħdem biex jipproponi li jsir dan iċ-ċentru, proġett ambizzjuż, li ma jistax jagħmlu il-Kunsill, iżda li noħorġu PPP: l-gvern jipprovdi il-post, preferibbilment l-'*annex*' li jinsagħab fit-tarf ta Ġnien il-Mall, u l-privat jinvesti fih, sabiex intejbu l-ħajja tal-anzjani tal-lokal.

## 3.0 IL-KUNSILLIER JAMES AARON ELLUL

Il-Kunsillier James Aaron Ellul fetaħ id-diskors tiegħu billi qal li għalkemm għadu jibda f'din ix-xena, mill-ewwel integra u qabad jaħdem b'ritmu kif mixtieq. Huwa irrimarka kif fost proposti li għamel kien hemm li s-servizz tal-Park and Ride jibda jieqaf il-Floriana, liema talba qegħda tiġi preżentement proċessata mill-entita konċernata. Huwa semma ukoll l-fatt li fi Triq Sant'Anna żdiedu iktar bollards sabiex ma jkunx hemm abbuża fis-sistema tat-traffiku, u jiġu evitati inċidenti.

Fil-qasam soċjali, huwa spjega l-involviment tiegħu fil-Kampanja tal-karità, fejn bl-għajnuna ta sħabu l-Kunsilliera, saru numru ta attivitajiet sabiex jinġabru fondi.

Fid-dekasteru tal-*Media* u relazzjonijiet pubbliċi, spjega kif sar żvilupp fuq dawk li huma siti soċjali tal-Kunsill, *Facebook*, *Instagram* u *Twitter*, u irrimarka li fil futur qarib ser ikun hemm anke aġġornament iktar spiss fuq is-sit tal-kunsill. Huwa informa ukoll bil-filmat li sar sabiex jesponi iktar il-lokalita'.

Il-Kunsillier Ellul elenka ukoll li minn dis-sena, ser jibdew jitwaħħlu il-posters tal-personaġġi li l-Kunsill jistampa kull sena, fi Triq Sant Anna għall-Jum il-Lokalita', b'hekk jigu esposti iktar, u mhux jibqaw merfugħin.

Fost xogħlijiet oħra huwa semma it-tabelli tal-lokalita li ser jinbidlu gradwalment, l-istudju tal-proposta sabiex fiċ-Ċentru Re Ġorġ V isir piċċ tal-boċċi, u l-bdil ta *cat caffee.*

Relatat mad-Dekasteru tal-Edukazzjoni, huwa tkellem dwar ix-xogħol li qed isir sabiex ikun hemm tagħlim għall-persuni ta nazzjonalità barranija, partikularment għal dawk residenti l-Floriana, sabiex ikunu jistaw jintegraw iktar malajr fis-soċjetà tagħna, kif ukoll xogħol li huwa għaddej sabiex jibda ikun hemm korsijiet tal-kompjuter għar-residenti.

Huwa elenka ukoll dwar diskussjonijiet li qed isiru sabiex tittaffa il-problema tal-ħamiem selvaġġ ġewwa l-lokalita', u fejn huwa ser jaħdem, flimkien ma sħabu sabiex tiġi imnaqqsa din il-problema.

Il-Kunsillier Ellul għalaq id-diskors billi fakkar li huwa ser ikun hemm biex jisma lir-resident, ilmenti u suġġerimenti sabiex, flimkien ma sħabu il-kunsilliera, ikomplu isebbħu il-lokalita'

## 4.0 Il-Kunsillier Albert Demarco

Il-Kunsillier Albert Demarco fetaħ id-diskors tiegħu, u qal li fix-xahrejn ilu jifforma parti mill-Kunsill, beda ħidmietu billi attenda numru ta laqgħat, fosthom mal-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura, Fondazzjoni V18, u mal-Pulizija.

Huwa semma id-dekasteri fir-responsabiltà' tiegħu, li huma Utilitajiet u Servizzi, Gwardjani Lokali, Parkeġġ, u Kultura u Storja li huwa dekasteru maqsum mal-Kunsillier Matthew Paris.

Huwa tkellem dwar il-bżonn li jsir pjan ta parkeġġ partikularment f'avvenimenti Nazzjonali li jsiru fil-Port , fil-Lokalita, jew f'xi lokalitajiet ġirien tal-Floriana, liema avvenimenti iġibu magħhom influss qawwi ta karozzi, li jirriżulta fi problemi ta parkeġġ.

Huwa tkellem ukoll li fil-qasam tal-Utilitajiet u Servizzi ser ikun qed jagħti prijorità sabiex jinxtegħlu il-Fanali ornamentali ta fuq il-fosos, jinxtegħel Vjal ir-Re Dwardu, kif ukoll ikun

hemm iktar attenzjoni fid-dwal tat-toroq. Sewwa ukoll dwar l-importanza li issir komunikazzjoni iktar b'saħħitha mas-Sessjoni tal-Ilma u Drenaġġ, sabiex b'hekk ir-resident jinqeda aħjar.

Il-Kunsillier Demarco tkellem ukoll dwar il-pjanijiet tiegħu għall-qasam tal Storja u Kultura, fejn ser ikun qed jaħdem sabiex jesponi it-talenti tar-residenti, qalb ir-residenti, u dan sabiex isebbaħ il-lokalita.

Huwa temm id-diskors tiegħu billi irringrazzja lis-Sindku, lil-Viċi Sindku, u lil-Sħabu il-Kunsilliera, Kif ukoll lill-istaff amministrattiv u lis-Segretarju Eżekuttiv.

## 5.0 Is-Sindku Davina Sammut Hili

Is-Sindku fetħet id-diskors tagħha billi irringrazzjat il-kull min jifforma parti mill-Kunsill u irrimarkat li għalkemm ikun hemm diskussjonijiet fil-Kunsill, meta tasal għasOsustenża, dejjem jintlaħaq qbil, u naħdmu id f'id. Hija irringrazzjat ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol siewi li jwettaq, kif ukoll lill-istaff amministrattiv, li kullħadd jaħdem sabiex il-ħolm kemm jista' jkun isir realtà'. Hija irringrazzjat ukoll lill-ħaddiem manwali tal-Kunsill, u żiedet tgħid li propju dak inhar, sar l-investiment meħtieġ u inxtrat vettura, sabiex ikun jista' iwettaq xogħolu b'iktar effiċjenza.

Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li mir-rapporti li saru mill-kunsillieri sħaba, kienet tidher il-ħidma kbira li saret mill-Kunsill u minn kull wieħed mill-kunsillieri.

Is-Sindku qalet li matul din is-sena, il-Kunsill qagħad lura milli jonfoq, u dan sabiex il-Kunsill joħroġ mill-problema ta defiċit li kienet evidenti matul dawn l-aħħar snin, madankollu xorta saru numru, u ser ikomplu isiru numru ta proġetti żgħar għal benefiċċju tal-komunità'.

Is-Sindku żiedet tgħid li matul is-sena, il-Kunsill iwettaq ħidma f'diversi oqsma, fosthom tindif, ħasil ta toroq u bankini, dwal, ġbir ta skart, u manutenzjoni kontinwa, li numru minnha ikollha issir wara atti ta vandaliżmu. Infurmat ukoll dwar id-diversi laqgħat li jseħħu ma Ministri biex il-Kunsill jottjeni iktar.

Is-Sindku għamlet referenza ukoll għal mużew li ġie inawgurat f'Ġenna ta Ġonna, fejn il-Kunsill, permezz ta disinn professjonali, qed jesebixxi diversi stampi li jikkaratterizżaw l-identità tal-Floriana.

Is-Sindku kompliet billi tagħat spjegazzjoni tal-projezzjonijiet finanzjarji għas-sena 2016. Hija qalet li l-allokazzjoni tal-Gvern lill-Kunsill kienet ta' madwar €344,000, li żdiedet bi kważi €10,000 mis-sena l-oħra, u semmiet wkoll li l-Kunsill kien qed jippjana li jdaħħal €42,000 minn skemi governattivi kif ukoll mal- €50,000 minn ċitazzjonijiet, permessi, sponsorships donazzjonijiet u

kontribuzzjonijiet ġenerali. Hawnhekk is-Sindku qalet li ser ikun hemm ħidma akbar sabiex jiġi xprunati opportunitajiet oħra sabiex il-Kunsill iżid id-dħul tiegħu, bħall Fondi tal-Ewropa u tal-Gvern Ċentrali. Is-Sindku żiedet tgħid li ma kienx qed jiġi kalkulat l-ħlas bħala multa u danni a kwantu tal-każ taċ-Ċelebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena..

Is-Sindku qalet li huwa stmat li fis-salarji ser jibqa' pjuttost kif kien ta din is-sena, minħabba li ġew frankati ammont ta flus mill-paga tas-Segretarju Eżekuttiv la darba kien aġent, u fl-istess ħin kien hemm iż-żieda tal-għoli tal-hajja u l-*increments* tal-ħaddiema, l-oħra.

Is-Sindku kompliet billi qal li l-Kunsill kien qed ikompli jaħdem sabiex tiġi ikkontrollata l-ispiża rikorrenti.

Is-Sindku kompliet tgħid li l-Kunsill qed jipproġetta li iwettaq numru ta proġetti infrastrutturali fosthom bankini u asfaltar, u manutenzjoni oħra fit-toroq tal-lokalita'. Fl-istess ħin il-Kunsill ser ikompli jaħdem fuq l-aspett komunitarju u kulturali permezz attivitajiet bħalma huma l-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, Ġenna ta' Ġonna u ħafna aktar! li minn din is-sena ingħatat xejra differenti, kif ukoll Saint Patrick's SUNDay, li din is-sena ser tkompli tikber u tiżviluppa. Hija fakkret li din ser tinżamm Il-Ħadd 13 ta Marzu, fi Triq il-Konservatorju, u ir-residenti huma jxerrdu il-kelma u jipparteċipaw

**<u>Saru xi interventi minn dawk preżenti li fil-qosor huma dawn :</u>**

**<u>Ms Dimech</u>** - Għamlet referenza għat-tindif ta taħt il-loġoġ u talbet li dan isir aħjar, u b'iktar superviżjoni. Is-Sindku irrimarkat li dawn jieħu ħsiebu il-Gvern Ċentrali, u waqt laqgħa li saret riċenti mal-istess Ministru kien hemm il-qbil li it-tindif isir iktar ta spiss. Kien hemm it-talba ukoll sabiex isir manutenzjoni, u rinnovazzjoni.

**<u>Sur Bonett</u>** – Għamel referenza għal Triq Sarria fejn minn numru ta snin ilu, vetturi ġew projbiti milli jutilizzaw l-aħħar parti ta din it-triq, u riċentement, kompliet ġiet żviluppata fejn isa karreġġjata qed tintuża sabiex jieqfu numru ta *coaches*. Is-Sindku infurmat li dan tiġi użata minn Trasport Malta. Il-Viċi Sindku irrimarka ukoll li l-*lay by* tal-coaches inħolqot minħabba l-iżvilupp li sar f'Pjazza Kastilja, u għaldaqstant il-coaches ma kienx baqalom post fejn iniżżlu u jtellgħu l-passiġġieri. Madankollu is-Sindku infurmat li ser titlob lil-Amministrazzjoni tal-Gwardjani Lokali sabiex jissorveljaw iktar iż-żona.

Is-Sur Bonett semma ukoll is-sistema ta one-way li ser tiġi introdotta għal-Triq San Publju, u irrimarka li b'hekk ser tintilef triq. Is-Sindku infurmat li dan saret fuq talba tar-residenti, u wara numru ta' aċċidenti. Hija żiedet tgħid li din ser tkun bi prova, u l-Kunsill jevalwa ir-riżultat ta din is-sistema wara li tiġi attwata.

Is-Sur Bonett talab ukoll li l-ġonna ikollhom ħinijiet ta ftuħ itwal. Is-Sindku infurmat dwar il-ġonna tal-Kunsill, u li dawn jingħalqu minħabba vandaliżmu. Madankollu irrimarkat li ser tressaq dan is-

suġġeriment lill-Kunsill. Il-Viċi Sindku Vince Borg irrimarka li bħal Ġnien il-Mall, huwa responsabiltà tal-Gvern Ċentrali, u li l-Kunsill għamel talba sabiex jerġa jinxteghel wara li s=sistema tad-dawl kienet ġiet vandalizzata. Madankollu, il-Gvern għamel kontro proposta li biex jinxteghel il-ġnien jibda jingħalaq.

Is-Sur Bonett irrimarka li fi Vjal ir-Re Dwardu qed issir użanza li jinħaslu l-karozzi tat-Taxi. Il-Is-Sindku ħadet nota sabiex titlob iktar sorveljanza mill-Gwardjani Lokali

Is-Sur Bonett issuġġerixxa li ssir żona ta rikreazzjoni għal adulti, bħal Outdoor Gym. Is-Sindku infurmat li tressaq il-proposta, madankollu dan huwa proġett li jġorr spiża finanzjarja kbira, u għalhekk huwa diffiċli li jsir mill-fondi tal-Kunsill.

Is-Sur Bonett issuġġerixxa li l-kameras tas-sigurtà tal-Uffiċju Kunsill, li qeghdin mal-faċċata tal-binja, jinbidlu u jsiru kameras b'angolu iktar wiesgħa sabiex issir sorveljanza bis-ĊCTV fi Pjazza E.S. Tonna. Is-Sindku ħadet nota tas-suġġeriment, u fl-istess ħin ħadet l-okkażjoni biex tinforma li ser issir sistema ta ĊCTV fiż-żona ta fejn il-Knisja tal-Kapuċċini.

Is-Sinjura Sandra Sammut Hili talbet li tinżabar is-siġra li hemm ftit il-fuq mill-pompa tal-petrol tat-telgħa tal-Kurċifiss. Is-Sindku ħadet nota.

Is-Sinjura Sandra Sammut Hili talbet li tittieħed azzjoni fuq il-ħamiem selvaġġ. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill qed jaħdem f'dan l-aspett, iżda din hija soluzzjoni temporanja. Ir-resident irid jikkoopera u ma jitmax ħamiem selvaġġ, kif inhu impost permezz tal-Bye-Law tal-Kunsill

**Tmiem il-laqgħa:**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 p.m.

**Davina Sammut Hili**
**Sindku**

**Svetlick J. Flores**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

VINCENT BORG
VICI SINDKU